# Beati u Qaddisin....Ottubru

## San Frangisk Borgia  10 ta' Ottubru

San Frangisk Borgia, imsemmi ghad unur San Frangisk minn Assisi twieled fis-sena 1510 u wara l-mewt ta' ommuli sehhet meta kellu biss 10 snin, zijuh l-Arcisqof ta' Saragossa ha hsieb tieghu.



Malajr sab ruhu qalb in-nies tal-qorti ta' Spanja ghax kien destinat li jilhaq kariga gholja. Dejjem pero' kien jghix ta' nisrani ezemplari u virtuz ghalkemm kien isib hafna tfixkil. Il-perikli kienu hemm u biex jeghlibhom huwa kien jghaddi hafna zmien fit-talb u jistudja. L-ilbies tieghu xejn ma kien fin anzi ghal kuntrarju l-materjal tieghu kien ta' tbatija ghalih. Qatt ma ha sehem fil-loghob ghax ghalih kien hin mohli u jtellef id-devozzjoni.

L-Imperatrici irrangatlu biex jizzewweg lil Eleanor de Castro tal-Portugal; bhalu kienet xebba ta' kostumi tajba. Iz-zwieg taghom kien imbierek minn tmien itfal hames subien u tlett bniet. Ilkoll mxew fuq l-ezpemju tal-genituri taghhom.

Wara l-mewt ta' missieru huwa sar id-Duka ta' Gandia u wiehed mill-aktar nobbli sinjuri u stamati fi Spanja. Fis-sena 1539 huwa messu d-dmir li jeskorta lil gisem mejjet ta' l-Imperatrici Isabella li mietet waqt il-fjur

ta' zoghzita'. It-tebut kellu jigi miftuh biex qabel jitqieghed fil-qabar jivverifika li l-gisem kien tassew ta' l-Imperatrici. Tant kienet fi stat li ma tintgharafx li halef li ma jservix izjed bniedem ta' din id-dinja.

Imma kellhom jghaddu hafna snin qabel ma jsegwi s-sejha tal-Mulej. L-imperatur innominah Kaptan Generali ta' Katalunja u baghatu biex jieqaf li hafna hallelin li kienu qed jaghmlu herba mill-kampanja. Il-fqar sabuh ta' qawwa kontra dawn l-oppressuri. Huwa kien jaghit doti lit-tfajliet foqra u jassisti lil familji li kienu jgarrbu r-rovina.

Wara l-mewt ta' missieru talab lil Imperatur u qala' l-permess li jmur lura lejn Gandia biex hemm jiggverna lis-sudditi tieghu. Hemm il-poplu tieghu ra hafna gid minnu u habbu hafna. Bena monasterji u waqqaf sptarijiet biex jghin lil fqar b'kull mod possibli. Imma minghajr qatt ma kien jistenna martu mietitlu. Din kienet daqqa ta' harta kbirfa ghalih izda huwa kien rassenjat mar-rieda t'Alla li gharrfu li dak li gara kien ta' gid ghalih u ghal martu.

Huwa ghamel irtir skond l-Ezercizzji ta' San Injazu u ha il-voti ta'Gizwita bil-mohbi sakemm uliedi hadu l-istat taghhom fil-hajja. Imbaghad huwa haddan is-sacerdozju. Biex jevitta li jahtruh kardinal kif kienet qed tigri x-xniegha huwa telaq minn Ruma . San Injazju hatru Vikarju Generali ta' l-Ordni ghal-Spanja, u l-Portugal.  F'kull fejn rifes huwa waqqaf kulleggi u djar Gizwiti. Wara l-mewt tal-fundatur Gizwita, San Injazju, huwa gie maghzul biex ikun il-General ta' l-Ordni, grad li fih hadem bla heda.

Huwa miet f'Ottubru tas-sena 1572, ghajjien bil-hidma bla waqfien li kien ghadhha minnha. L-ahhar xoghol li kien fdat lilu kien bhala segwaci ta' wiehed mill-kardinali legati tal-papa Piju V , maghzula biex iheggu lil princpijiet nsara jinghaqdu biex jiddefendu il-Kristjanezmu mill-Islam li kien ta' theddida.